# L-ISTATWI TAL-KUNĊIZZJONI TA' XANDRU FARRUGIA

**Kitba tal-Kan. JOE ABELA**

***Bil-mewt ta' l-iskultur famuż Marjanu Gerada (twieled f'Ħal Tarxien, ħadem u miet f'Bormla) fil-bidu tas-seklu XIX, Bormla tilfet wieħed mill-aqwa ċittadini tagħha. L-Istatwa tal-Kunċizzjoni fil-knisja kolleġġjali ta' l-Isla, il-fonti tal-Magħmudija u l-Istatwa ta' San Mikiel f'Bormla għadhom fost opri oħra, jixhdu l-kapaċità artistika u l-imħabba tal-Marjanu għall-Madonna u għall-knisja ta' Bormla.***

**Xandru Farrugia, Student ta' Marjanu Gerada**

Iżda la l-arti u lanqas l-imħabba għall-Madonna ma mietu ma' Marjanu. Diversi kienu ż-żgħażagħ Maltin li studjaw l-arti ta' l-iskultura taħt it-treġija għaqlija tiegħu. Fost dawn l-iskulturi ġodda nistgħu nsemmu lill-Vallettan P.P. Azzopardi, li għamel l-Istatwa tar-Rużarju ta' Bormla, lil Bormliż ieħor Salvu Psaila, li għal Bormla għamel l-istatwa ta' Sant' Andrija, u liż-Żejtuni Xandru Farrugia, li statwi tal-Madonna taħt diversi titli tagħha, għamel bil-bosta.

**Influwenza kbira tal-Marjanu**

Kemm Xandru Farruġia ġie influwenzat minn Marjanu Gerada jixhduh ħafna mill-Atti Notarili li bihom Xandru kien jintrabat mall-kappillani jew prokuraturi qabel jibda l-opra li jordnawlu. Bosta drabi nsibu mniżżel li huma kienu jobbligawh jimita xi statwa partikulari tal-Marjanu. Hekk per eżempju, meta fl-1835 Dun Tumas Agius, il-kappillan ta' l-Imqabba ordna l-istatwa ta' Santa Marija għand Xandru Farrugia, hu rabtu li l-istatwa jagħmilha *"uguale ed uniforme a quella esistente nella Chiesa Parrocchiale di Casal Axiach" (1).* L-Istatwa ta' l-Assunta ta' Ħal-Għaxaq kien għamilha Marjanu Gerada fl-1808. Meta fl-1840, Gużeppi Cassar, prokuratur ta' l-altar ta' San Mikiel, Ħal-Qormi, ftiehem ma' Xandru Farrugia biex jagħmillu statwa ta' San Mikiel, hu ried li tkun *"vera statua di legno uniforme a quella esistente nella Collegiale e Parrocchiale Chiesa della Cospicua. (2).* Kien tassew jaf x'inhu jordna dan il-prokuratur ta' Ħal-Qormi, għaliex waħda mill-aqwa opri tal-Marjanu hi mingħajr dubju San Mikiel ta' Bormla. Aloisio Zammit, prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira taż-Żejtun, fl-1844 rabat lil Xandru li l-istatwa li kien qed jordnalu ta' Kristu Marbut mal-Kolonna jagħmilhielu bħal dik ta' Bormla (3). Fil-fatt dik ta' Bormla kienet saret minn P. P. Azzopardi, student ieħor ta' Marjanu Gerada.

**Tagħrif Bijografiku**

Mastru Xand, kif kien magħruf miż-Żwieten, twieled f'Bisqallin, parti miż-Żejtun, nhar it-2 ta' Frar 1791, minn Gużeppi Farrugia u Domenica, neé Abela (4). Ġie msemmi Alexander għal nannuh, missier missieru. Ismijiet oħra li tawh fil-magħmudija kienu, Annuntiatus, Julianus u Candelorus (5). Lorenzo Fenech, il-parrinu, kien Bormliż. Fit-8 ta' Novembru 1814, meta allura kellu 23 sena, Xandru żżewweġ lil Marianna, armla ta'Ġużeppi Zahra (6). Minn dan iż-żwieġ twieldu fost oħrajn, Michele (1815), Columba Rosa (1817) u Giovanni (1819).



*L-istatwa tal-Kunċizzjoni tal-Birgu.*

Dan Giovanni sar l-aktar wieħed magħruf minn ulied Xandru, għaliex kien hu li wiret it-talent artistiku ta' missieru, tant li meta kiber kien jissejjaħ Mastru Ġann. Fost ix-xogħlijiet ta' Mastru Ġann ta' min isemmi l-istatwa tal-ġebel ta' Santa Katarina fiċ-ċimiterju taż-Żejtun (7). Xandru Farrugia kien joqgħod bil-familja

F. BORG GAUDA
LADIES', GENT'S
& CHILDREN'S SHOES
Shop 3, Block A,
Bormla Wharf
Cospicua, Tel: 826974

tiegħu f'Ħal-Bisbut, parti oħra taż-Żejtun. Dan nafuh mhux biss għaliex uliedu kollha twieldu hemm, iżda wkoll mill-informazzjoni nteressanti li jagħtuna li *Status Animarum* taż-Żejtun tas-snin 1815-1822. Id-dar fejn kienet toqgħod il-familja Farrugia għadha teżisti sal-lum (għalkemm xi ftit mibdula) fi Triq il-Bon Kunsill, viċin ħafna ta' l-Għassa tal-Pulizija (8). Fl-1859 Xandru Farrugia għamel parrinu fil-magħmudija ta' Katarina, bint ibnu Ganni. Id-dixxendenti ta' Katarina għadhom jeżistu sal-lum fiż-Żejtun. Il-ħanut tax-xogħol ta' Xandru kien f'Misraħ Santa Marija (9). Mastru Xand miet nhar l-4 ta' Diċembru 1871, fl-għomor ta' 80 sena. (10).

**Il-Madonna suġġett għal qalb Xandru**

Kemm il-Madonna kienet suġġett għal-qalb Mastru Xand jixhdu n-numru konsiderevoli ta' statwi tagħha — fl-injam, ġebel jew kartapesta — li ħu għamel, fosthom l-istatwi titulari ta' l-Imqabba (Santa Marija) (11) u ta' Ħal-Tarxien (il-Lunzjata). Ma dawn inżidu l-Madonna tar-Rużarju Ħal-Għaxaq (12) u Xagħra, (Għawdex), tal-Grazzja (Kappuċċini, Għawdex), tal-Karmnu (Għarb), tal-Karità (Isla), tal-Għajnuna (Ħal-Għaxaq) u d-Duluri (għal ċertu prokuratur Ġużeppi Cutajar minn Ħal-Għaxaq (13). Iżda l-istatwi tal-Madonna li l-aktar jinteressaw lill-Bormliżi huma ż-żewġ statwi ta' Marija Immakulata li Xandru għamel, l-ewwel waħda għall-knisja parrokkjali tal-Birgu, u l-oħra għall-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, magħrufa bħala "Ta' Ġiesu", il-Belt Valletta (14).

**Il-Kunċizzjoni tal-Birgu**

Xandru Farrugia għamel l-istatwa tal-kunċizzjoni għall-Birgu fl-1838. Għadna nistgħu ngawdu din l-istatwa ħelwa u artistika f'waħda minn navi tal-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz. Din l-istatwa nġiebet fil-knisja nhar il-Ħadd 2 ta' Diċembru 1838, ftit granet biss qabel il-Festa tal-Kunċizzjoni. Dan it-tagħrif insibuh fid-djarju taż-żjara tar-Reġina Adelaide ta' l-Ingilterra, miktub minn Sir Hector Greig, Segretarju tal-Gvern f'Malta mill-1837 sal-1847 (15).

**Il-Pittur Pietru Pawl Caruana u r-Reġina Adelaide**

Ir-Reġina Adelaide kienet ġiet Malta fuq żjara, li tawlet għal erba' xhur sħaħ, prinċipalment biex tqiegħed l-ewwel ġebla tal-Katidral Anglikan fil-Belt Valletta. Hi telqet mill-Ingilterra nhar it-3 ta' Ottubru 1838, fuq il-vapur *Hastings*, u fit-30 ta' Novembru waslet Malta. Din kienet l-ewwel żjara ta' Reġina Ingliża fil-Gżejjer Maltin. Id-djarju ta' Sir Hector Greig (16) jagħtina bosta nformazzjoni nteressanti dwar din iż-żjara. Fl-istudju ppubblikat mir-rivista *Scientia* nsibu *engraving* tar-Reġina Adelaide magħmula minn Pietru Pawl Caruana (1794-1852), pittur li żgur f'Bormla m'għandux bżonn ta' ntroduzzjoni, għaliex kien hu li pitter il-kwadru tas-Santwarju ta' Marija Immakulata, u minħabba f'hekk ukoll triq f'Bormla ssemmiet għalih. Caruana kkopja u pproduċa litografija tar-ritratt tar-Reġina Adelaide magħmul minn S.W. Reynolds fl-1834.

**Ir-Reġina ddur mal-Port il-Kbir**

Ir-Reġina Adelaide kienet ilha biss jumejn hawn Malta meta, nhar it-2 ta' Diċembru, wara funzjoni reliġjuża filgħodu f'San Ġwann, Valletta, fejn ġie kantat it-*Te Deum* fuq ordni ta' l-Isqof ta' Malta, wara nofs in-nhar

***ikompli f'paġna 36***

SIMONS
FASHION STORES
REGENCY HOUSE
COSPICUA • VALLETTA • HAMRUN • B'KARA • GZIRA
820021 - 878307 222931 231821 - 240849 448992 310242

★ ILBIESI FINI U SPORT JACKETS
★ QLIEZET U JEANS
★ QOMOS PLAIN U FANCY
★ PULLOVERS U CARDIGANS
★ ŻRABEN, BOOTS, SPORT SHOES
★ PYJAMAS, SOCKS, UNDERWEAR




Ederma
*Skin protection cream particularly ideal for babies and old people.*

Sole Agents:
JOSEPH CASSAR LTD.
Melita Street Valletta

# XANDRU FARRUGIA

*ikompli minn paġna 32

hi żaret il-Vapur *Princess Charlotte,* il-*flagship* tal-flotta, fejn ġiet milqugħa minn Sir Robert Stepford. Wara hi ddawret mal-Port il-Kbir minn Captain Loch tal-vapur *Hastings.* Il-Maesta' Tagħha dehret tieħu ħafna pjaċir b'din il-ħarġa u wriet l-apprezzament tagħha.

**Il-Kunċizzjoni tal-Birgu fis-Suq ta' Bormla**

Kien proprju f'nofs din il-ħarga li r-Reġina kellha esperjenza li għalina hi tant importanti u nformattiva. Meta l-Majestà Tagħha kienet fuq il-baħar viċin is-suq ta' Bormla — ma ninsewx li Dock nru. 1 kif nafuh il-lum kien għadu ma nbeniex — hi lemħet li fuq l-art folla kbira ta' nies kienu qegħdin iġorru statwa ta' Marija Immakulata, akkumpanjati minn banda mużikali. Kienet l-istatwa tal-Kunċizzjonili Xandru Farrugia kien għadu kif lesta għall-Birgu. Il-Maltin, malli ndunaw bil-presenza tar-Reġina Adelaide, kienu pronti ressqu l-istatwa lejn ix-xifer tal-moll biex hi tkun tista' taraha aħjar. Ir-Reġina kienet pronta waqqfet il-lanċa rjali biex turi s-sodisfazzjon kbir tagħha għal dak il-ġest sabiħ tal-Maltin. Hi xejret lill-folla li reċiprokat it-tislima rjali tagħha b'ċapċip entużjażmanti. Dak il-ħin il-Banda Maltija ma naqsitx li ddoqq l-Innu Nazzjonali Ingliż.

Kienet xena kommoventi fejn ir-Reġina tas-Sema ltaqgħet wiċċ imbwiċċ mar-Reġina ta' l-Art.



*L-istatwa tal-Kunċizzjoni Ta' Ġiesu 'l Belt.*

**Il-Kunċizzjoni tal-Belt Valletta**

Bħal fil-Birgu hekk ukoll fil-knisja "Ta' Ġiesu", il-Belt, jinsab l-altar tal-Kunċizzjoni. Għal din il-knisja Xandru Farrugia għamel ukoll statwa tal-Kunċizzjoni fl-1844. Din l-istatwa għadna nistgħu narawha sal-lum. Kif insibu fl-Atti tan-Nutar Enrico Saydon, fis-16 ta' Mejju 1917, ċerta "Nobil Donna" ħalliet dehbijiet biex tiżżejjen din il-vara. (17).

**Xandru u Bormla**

Toħroġ waħedha l-mistoqsija, "U Xandra Farrugia għal Bormla ma ħadem xejn?" Ma kenitx ħaġa ħafifa għal Xandru li jiġi mqabbad jagħmel xi xogħol għal Bormla. L-ewwelnett għaliex il-Bormliżi kienu għadhom igawdu opri li ħarġu mill-idejn ta' l-imgħallem tiegħu Marjanu Gerada, u t-tieni, għaliex f'Bormla kienu qegħdin jaħdmu fl-istess żmien iż-żewġ allievi l-oħra ta' Marjanu: il-Bormliż Salvu Psaila u P.P. Azzopardi. F'dan il-perjodu Azzopardi ħadem numru ta' statwi tal-Ġimgħa l-Kbira għal Bormla, fosthom ir-Redentur.

Iżda dan ma jfissirx li Mastru Xand ma ġie mqabbad jagħmel xejn f'Bormla. Fit-12 t'Ottubru 1840, Fra Raimondo di San Giuseppe, Tereżjan, inkarigah li jagħmillu tużżana u nofs gandlieri ta' l-injam għall-knisja ta' Santa Tereża f'Bormla: *"dodici candelieri di legno ed altri sei candelieri di secondo ordine"* (18). B'dan is-sett ta' gandlieri artistiċi għadu sal-lum jiżżejjen l-altar maġġur ta' Santa Tereża fil-festi prinċipali.

Xandru Farrugia kien wieħed mill-aqwa skulturi u statwarji tas-Seklu XIX. J'Alla l-interess li bħalissa jeżisti dwar il-ħidma artistika tiegħu fost l-istoriċi Maltin jgħinna nżidu t-tagħrif li għandna dwaru.

**Noti u Riferenzi**

Minn qalbi nrodd ħajr lis-Sur Johnny Debono, Arkivista, għall-għajnuna siewja li tani fl-Arkivji Notarili.


1. Arkivji Notarili, Troisi Massimiliano, R 460 / 54, f. 726 v.
2. AN, Giardina Feliciano, R 513 / 6, f. 390 r.
3. AN, Giardina Feliciano, R 513 / 9, f. 396.
4. Arkivju Parrokkjali Żejtun, Lib. Bapt. X, f.100 v.
5. "Il-Mument", 4 / 10 / 1992, p. 27.
6. APZ Lib. Matr. IX, f. 158.
7. Ġiġi Depasquale, mnissel minn Ġanni Farrugia, kien skultur ieħor li ħadem ħafna fis-saqaf tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Skultur ukoll kien Ġużeppi Baldacchino, ir-raġel ta' Katarina, bint Mastru Ġann.
8. APZ St. An. Żejtun, 1822.
9. Tagħrif mogħti lili verbalment mill-Bormliż, is-Sur Mose' Cassar.
10. APZ Lib. Def. XII, f. 176.
11. AN, Troisi Massimiliano, R 460 / 28, f. 409.
12. Idem, R 460 / 54, f.726.
13. Idem, R 460 / 22, f.461.
14. P.P. Castagna, "Malta bil-Gżejjer tagħha u li għadda minn għaliha", Vol. III, pp. 107, 108.
15. A. Zammit Gabarretta, "The Church of the Grand Masters and Inquisitors", p. 50.
16. Chev. Joseph Galea fi "Scientia", Vol. XXIX, pp. 107-108.
17. Tagħrif mogħti lili minn Rev. Ġorġ Aquilina, OFM.
18. AN. Trionfi Vincenzo, R 459 / 39. ff. 516-518 v.